## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 512**

**PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT**

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozzi ta' Liġi li ġejjin huma ppubblikati fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 129 imsejjaħ l-Att tal-2020 dwar l-Aġenti tal-Proprjetà Immobbli u tas-Sensara u Konsulenti tal-Proprjetà;

Abbozz ta' Liġi Nru. 130 imsejjaħ l-Att tal-2020 li jemenda l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament; u

Abbozz ta' Liġi Nru. 131 imsejjaħ l-Att tal-2020 li jemenda l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili.

It-22 ta' Mejju, 2020

**Nru. 513**

**ATT DWAR IL-PROFESSJONI TAL-PSIKOLOĠIJA (KAP. 471)**

**Bord dwar il-Professjoni tal-Psikoloġija f'Malta**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar il-Professjoni tal-Psikoloġija (Kap. 471), u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali approva l-ħatra ta' Dr Kevin Sammut Henwood, B.Psy. (Hons) (Melit.), M.Sc. (Surr.), D.Forens.Psy.(Nott.), bħala membru tal-Bord dwar il-Professjoni tal-Psikoloġija f'Malta.

Din il-ħatra tibqa' valida sat-2 ta' April, 2021.

It-22 ta' Mejju, 2020

**Nru. 514**

**AĠENZIJA DWAR L-ENERĠIJA U L-ILMA**

**Skema għall-Effiċjenza fl-Enerġija ta' Għaqdiet Sportivi**

PERMEZZ ta' dan in-Notifikazzjoni tal-Gvern, l-Aġenzija dwar l-Enerġija u l-Ilma tgħarraf lill-organizzazzjonijiet tal-isport li daħlu fi ftehim (Grant Agreement) mal-Aġenzija skont in-Notifikazzjoni tal-Gvern 368 tat-22 ta' Marzu, 2019,

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 512**

**PUBLICATION OF BILLS IN SUPPLEMENT**

IT is notified for general information that the following Bills are published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 129 entitled the Real Estate Agents, Property Brokers and Property Consultants Act, 2020;

Bill No. 130 entitled the Commissioner for Oaths (Amendment) Act, 2020; and

Bill No. 131 entitled the Notarial Profession and Notarial Archives (Amendment) Act, 2020.

22nd May, 2020

**No. 513**

**PSYCHOLOGY PROFESSION ACT (CAP. 471)**

**Malta Psychology Profession Board**

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by section 4 of the Psychology Profession Act (Cap. 471), and for the purpose of that Act, the Minister for the Family, Children's Rights and Social Solidarity has approved the appointment of Dr Kevin Sammut Henwood, B.Psy. (Hons) (Melit.), M.Sc. (Surr.), D.Forens.Psy. (Nott.), as member of the Malta Psychology Profession Board.

This appointment shall remain valid until 2nd April, 2021.

22nd May, 2020

**No. 514**

**ENERGY AND WATER AGENCY**

**Energy Efficiency Scheme for Sport Organisations**

BY means of this Government Notice, the Energy and Water Agency hereby notifies all sports organisations which have entered into an agreement (Grant Agreement) with the Agency in accordance with Government Notice 368 of the

li minħabba l-miżuri preskritti sabiex jissalvagwardjaw kontra u/jew jikkontrollaw il-marda infettiva COVID-19, iż-żmien mogħti taħt il-Grant Agreements qiegħed hawn jiġi estiż.

Permezz ta' din in-Notifikazzjoni, il-kliem "The Agreement period shall run for six months from the date upon which this Agreement is signed by the Grant Recipient" li jinstab fil-Klawsola 4 tal-ftehim qiegħed jigi emendat għal "The Agreement period shall run for eight months from the date upon which this Agreement is signed by the Grant Recipient".

Din l-estensjoni qiegħda tingħata mingħajr preġudizzju għal kull estensjoni oħra li l-organizzazzjonijiet tal-isport jistgħu japplikaw għaliha, skont id-dispożizzjonijiet tal-istess ftehim.

It-22 ta' Mejju, 2020

22nd of March, 2019, that in view of measures prescribed to guard against and/or to control the COVID-19 infectious disease, the agreement period for said Grant Agreements is hereby being extended.

By virtue of this Notice, the text "The Agreement period shall run for six months from the date upon which this Agreement is signed by the Grant Recipient" as found in Clause 4 of the agreements is hereby amended to "The Agreement period shall run for eight months from the date upon which this Agreement is signed by the Grant Recipient".

This extension is granted without prejudice to any other extension which sports organisations may apply for, in line with the provisions of the same agreement.

22nd May, 2020

**Nru. 515**

**ATT TAL-2016 DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (ARTIKOLU 57)**

**Reviżjoni ta' Skedar ta' Proprjetà**

B'REFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 349 (Gazzetta tal-Gvern Nru. 17,086 tal-20 ta' April, 2001) u Nru. 629 (Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,283 tal-21 ta' Lulju, 2008), l-Awtorità tal-Ippjanar b'din tiddikjara li qiegħda tagħmel reviżjoni fil-Lista ta' Proprjetà Skedata, skont l-Artikolu 57, u 97 sa 100 tal-Att tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, u paragrafi 1.13, 2.27, u policies TO8, UO2 u RO4 tal-Pjan Strateġiku dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp (SPED).

Ir-reviżjonijiet imsemmija hawn taħt (kif indikat fil-mappa f'paġni 4095) qed jiġu ppubblikati: Villa Frere u l-Ġnien, li oriġinarjament kienet skedata bħala Grad 2, issa qiegħda tiġi skedata bħala Grad 1, u t-taraġ tat-Tempietto qed jiġi skedat bħala Grad 1.

**No. 515**

**DEVELOPMENT PLANNING ACT, 2016 (ARTICLE 57)**

**Revision of Scheduling of Property**

WITH reference to Government Notice No. 349 (Government Gazette No. 17,086 of 20th April, 2001) and No. 629 (Government Gazette No. 18,283 of 21st July, 2008), the Planning Authority declares that it is re-scheduling a property within the list of scheduled properties, in terms of Article 57, and 97 to 100 of the Development Planning Act, 2016, and paragraphs 1.13, 2.27, and policies TO8, UO2 and RO4 of the Strategic Plan for the Environment and Development (SPED).

The following revisions (as shown on the map on page 4095) are being published: Villa Frere and Gardens, originally scheduled as Grade 2, is now being scheduled as Grade 1, and the staircase of the Tempietto is being scheduled as Grade 1.

**Villa Frere, Triq ix-Xatt, Tal-Pietà**

Nhar l-10 ta' Marzu, 2020, il-Kunsill Eżekuttiv aċċetta din ir-reviżjoni tal-iskedar tal-proprjetà.

L-Awtorità tal-Ippjanar teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'Artikoli 57, u 97 sa 100 tal-Att, fil-każ ta' xi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp f'dak li jirrigwarda proprjetà skedata.

It-22 ta' Mejju, 2020

On 10th of March, 2020, the Executive Council endorsed the re-scheduling of this property.

The Planning Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in Article 57, and 97 to 100 of the Act, in the case of any contravention to the provisions of the Development Planning Act 2016 as regards to Scheduled Property.

22nd May, 2020